# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 384/01mm**

**Raymond Cutajar**

**vs**

**Joseph Johan Manicaro**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-30 ta' April 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' erba mija u hmistax-il lira Maltin (Lm415) li huwa ghandu jaghtih bhala bilanc minn somma akbar ghall-oggetti mixtrija u konsenjati lilu u li huwa ghadu ma hallasx minghajr ebda raguni, kif imfissra car fl-ittra legali tas-17 ta' Marzu,2001 u l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu,2001, bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Marzu,2001, u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu,2001,u tat-tieni notifika ta' l-ittra ufficjali li saret fis-16 ta' April minhabba li huwa biddel l-indirizz kemm-il darba kif ukoll li

huwa pprova jiffroda lill-attur billi biddel l-indirizz kemm-il darba minghajr ma nformah biex ma jkunx jista jsibu.

Ra li l-konvenut baqa kontumaci minkejja li kien debitament notifikat.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur bil-gurament.

Rat l-atti  u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li l-konvenut baqa kontumaci u ma tax id-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, l-attur xehed u esebixxa certifikat li huwa prospett dwar l-ammont li qieghed jirreklama f'dan l-avviz. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-interessi reklamati mill-attur skond dan il-prospett huma llegali.

L-attur  jippretendi li ghandu jiehu minghand l-konvenut rata ta' 15 fil-mija (15%). Din ir-rata ma hijiex gustifikata u skond il-ligi l-attur ma jistax jitlob aktar minn 8 fil-mija (8%), kif wara kollox hemm korrettament indikat fl-istess avviz. Il-Qorti ghalhekk sejra timmodifika l-ammont mitlub mill-attur biex jirrifletti din ir-rata ta' interess. Mill-bqija l-Qorti jidhrilha li l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu, u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu s-somma ta' tlett mija, disa u tmenin lira tmienja u tmenin centezmi (Lm389.88c) li l-istess konvenut ghandu jaghti lill-attur bhala bilanc minn somma akbar ghall-oggetti mixtrija u konsenjati lilu u li huwa ghadu ma hallasx minghajr ebda raguni, kif imfissra car fl-ittra legali tas-17 ta' Marzu,2001 u l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu,2001, bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg